**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 t' April, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Daniela Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Daniela Spiteri detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 22282M akkuzata talli f' dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe,

Talli fix-xahar ta' Awwissu 2014 ikkommettiet serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Urban Jungle, Triq Santu Wistin, San Giljan liema serq

huwa aggravat bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad detriment ta' Giuseppe Attard u/jew ta' persuna jew persuni ohra.

U aktar talli fix-xahar ta' Ottubru 2014 kif ukoll fi Frar 2015 ikkommettiet serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut Marks & Spencers, Triq id-Dejqa, Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad detriment ta' Jessica Bonnett u/jew persuni ohra.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imputata li hija recidiva ai termini ta' 49, 50 u 289 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

U finalment talli kisret il-kundizzjonijiet impost fuqha skond il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilek mill-Qorti ta' Malta datata nhar l-14 ta' Novembru 2011

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Marzu, 2015 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw tlett incidenti ta' serq jew ahjar shoplifting li sehhew minn zewg stabbilimenti differenti, Urban Jungle, San Giljan f' Awwissu 2014 u Marks and Spencer il-Belt f' zewg okkazzjonijiet, f' Ottubru 2014 u Frar 2015. In kwantu jirrigwarda s-shoplifting li sar minn Marks and Spencer, fl-ewwel okkazzjoni nsterqu oggetti li l-valur (cost price) taghhom kien ta' 645.97 Ewro u fit-tieni okkazzjoni kien ta' 83 Ewro.[i] B' riferenza ghal dawn iz-zewg incidenti ta' shoplifting gie esebit CCTV footage[ii] fejn mara li giet identifikata bhala l-imputata minn Jessica Bonnett, ir-rapprezentanta ta' Marks and Spencer, tidher qed taqla l-alarms minn fuq oggetti tal-hwejjeg u lingerie u titfahhom fil-basket taghha. Malicent Spiteri Gates li xehdet waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru 2016 u li hija salesgirl fl-istabbiliment in dizamina gharfet lill-imputata bhala l-persuna li rat taqla' l-alarms minn fuq il-hwejjeg tal-irgiel li nsterqu f' Ottubru 2014. In kwantu jirrigwarda l-incident ta' shoplifting li sehh f' Awwissu 2014 mix-xhieda ta' Joe Attard a fol. 28 et sequitur jirrizulta li nsterqu oggetti li kellhom selling price ta' 806 Ewro u li mara, li wara giet identifikata bhala l-imputata harget tigri mill-hanut wara li giet innutata tisraq u meta s-salesgirls hargu jigru warajha huma raw in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura taghha. Mill-provi jirrizulta li l-imputata Daniela Spiteri hallset 150 Ewro lura lill-istabbiliment Urban Jungle bhala parti mill-valur tal-oggetti misruqa.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata fl-istqarrija minnha rilaxxjata u nserita a fol. 61 sa 63 tal-atti processwali ammettiet li kienet serqet xi affarijiet mill-Urban Jungle li l-valur taghhom kien ta' 417 Ewro u li kienet hallset lura 150 Ewro minn dan l-ammont. Hija ammettiet ukoll li fi Frar 2015 kienet hadet xi oggetti mid-dipartiment tal-irgiel tal-istabbiliment Marks and Spencer u qalet li kienet qalghet l-alarms b' idejha. Dwar ix-shoplifting li sar f' Ottubru 2014 hija qalet li ma tiftakarx li kienet hadet xi affarijiet izda meta giet mistoqsija jekk kienx minnu li l-valur tal-oggetti li kienet serqet f' Ottubru 2014 kien ta' aktar minn elfejn Ewro hija rrispondiet li ma tahsibx li kien daqshekk. L-imputata qalet ukoll li kienet tiehu l-affarijiet ghaliex kellha taghti l-flus lin-nies u minflok kienet thallashom b' dawn l-oggetti li kienet tisraq.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputata tinsab akkuzata b' serq aggravat bil-valur li jeccedi 232.94 Ewro izda mhux 2329.37 Ewro li sehh f' Awwissu 2014 mill-istabbiliment Urban Jungle f' San Giljan u f' Ottubru 2014 u Frar 2015 mill-istabbiliment Marks and Spencer fil-Belt Valletta. Ili kif diga' inghad aktar il-fuq in kwantu jirrigwarda s–serq mill-istabbiliment Urban Jungle l-imputata stess fl-istqarrija minnha rilaxxjata ammettiet li kienet serqet oggetti li l-valur taghhom kien ta' 417 Ewro mill-istabbiliment imsemmi u li kienet hallset lura s-somma ta' 150 Ewro minn dan l-ammont. Inoltre x-xhud Joseph Attard in rapprezentanza tal-kumpanija sid tal-istabbiliment imsemmi prezenta still (a fol. 35) mehud

dakinhar stess li l-imputata inqabdet tisraq u giet segwita fejn l-istess imputata tista' tingharaf.

Illi din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputata ghandha tinstab hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Illi in kwantu jirrigwarda l-incidenti ta' shoplifting li saru mill-istabbiliment Marks and Spencer, il-Belt Valletta f' Ottubru 2014 u Frar 2015 u li ghalihom taghmel referenza t-tieni (2) mputazzjoni il-prova tas-cctv footage fejn l-imputata tista' tintaghraf minghajr ebda dubju ta' xejn, l-identifikazzjoni tal-imputata minn Malicent Spiteri Gates u l-ammissjoni tal-imputata ghall-incident ta' shoplifting li sehh fi Frar 2015 huma kollha provi li ma jhallu l-ebda dubju li l-imputata ghandha tinstab hatja anki tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Illi inoltre permezz tal-kopji tas-sentenzi esebiti a fol. 97 sa 99 u a fol. 86 sa 88 ingabet ukoll il-prova li l-imputata hija recidiva a tenur tal-Artikoli 49, 50 u 2898 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li hija kisret il-provvedimenti imposti fuqha taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 permezz ta' sentenza tal-14 ta' Novembru 2011.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata hija recidiva kif ukoll il-fatt li hija inghatat l-opportunita' sabiex tirriforma ruhha minn dawn il-Qrati f' zewg okkazzjonijiet izda naqset milli tuzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u kompliet fit-triq tal-kriminalita'. Il-Qorti tirrileva

ulterjorment li ghalkemm sar accenn waqt it-trattazzjoni finali li l-imputata kienet bdiet programm, ma ngabet l-ebda prova la dwar x' tip ta' programm qed issegwi u wisq anqas dwar l-andament taghha fl-istess programm. Fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li m' ghandiex alternattiva salv li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) ,17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha tlettax (13) –il xahar prigunerija.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

---

[i] Vide xhieda u dokumenti esebiti minn Jessica Bonnett a fol. 14 et sequitur tal-atti processwali.
[ii] CD relattiv inserit a fol. 64 tal-atti processwali.